A.L. 111 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-31 ta' Lulju, 1989. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Triq id-Difa, Siġġiewi, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 1 sa 6 tal-kejl ta' madwar 1,617 metru kwadru, li tmiss minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà ta' l-eredi ta' Peter Mifsud, mill-Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern (Rural Tenement No. 74819).

(b) Id-dar bin-numru 30, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Qrendi (Rural Tenement No. 50087).

(ċ) Flat bin-numru 1, Blokk VII, Bieb A, Triq il-Buganvilla, San Ġwann.

(d) Flat bin-numru 4, Blokk 4, Bieb C, Vjal in-Naspli, San Ġwann.

(e) Flat bin-numru 16, Blokk 2, Bieb B, Vjal ir-Rihan, San Ġwann.

(f) Id-dar bin-numru 82, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli.

(g) Id-dar bin-numru 24, Sappers Street, Valletta.